MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 54/2015

**Paul Abela**

**vs**

**Emmanuel Delicata & Sons Limited (C28292)**
**u Emmanuel Delicata Winemaker Ltd (C28293)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Paul Abela** li bih qiegħed jagħmel is-segwenti talbiet:

*"Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra li din l-Onorabbli jidhrilha meħtieġa, l-esponenti jitlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha:*

*(i) tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati flimkien u in solidum, jew min minnhom, huma debituri tal-esponent fis-somma komplessiva ta' sitt elef u sitta u sittin Ewro u ħames ċenteżmi (€6066.05), jew somma verjuri, arretrati ta' kera, u rifużjoni tal-prezz tas-servizzi fil-*

*garaxx 'St. Philip Garage' (ġa Charles Garage) fi Triq Valletta, Qormi, dovuti lill-esponenti kif fuq spjegat;*

*(ii) tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati flimkien u in solidum, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni u l-ħsarat kollha fil-garaxx imsemmi 'St. Philip Garage' (ġa Charles Garage), fi Triq Valletta, Qormi, kemm dawk li jidhru u anke dawk moħbija;*

*(iii) tillikwida d-danni hekk sofferti mill-esponent bi ħtija tal-intimati, jew min minnhom, okkorrendo bl-opera ta' perit nominat minnha għal dan l-iskop, fis-somma ta' sebat elef u mitt Ewro (€7,100), jew somma verjuri;*

*(iv) tikkundanna lill-istess intimati, flimkien u in solidum, jew min minnhom, iħallsu lill-esponent s-somma hekk likwidata u dovuta in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tal-24 ta' Frar 2011 u tat-12 ta' Novembru 2014, u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet, kontra l-intimati, li jibqgħu nġunti minn issa għas-subizzjoni."*

Rat l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti **Emmanuel Delicata & Sons Limited (C28292) u Emmanuel Delicata Winemaker Ltd (C28293)** li qegħdin jeċċepixxu s-segwenti:

*"(1) Illi preliminarjament id-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti peress li r-rikorrent waħħad talba għall-ħlas pretiż ta' kera arretrata ma' talbiet għad-danni u fi kwalunkwe każ, iż-żewġ talbiet ma jeċċedux separatament il-€11,646.87ċ u għalhekk din il-kawża ma tistax tissussisti u l-intimati għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju."*

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawża tittratta kwistjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet malli l-attur ħa lura l-pussess tal-garaxx 'St. Philip Garage' (ġja Charles Garage) fi Triq Valletta, Qormi wara sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet **Paul Abela vs Emanuel Delicata & Sons Limited** (Rik. Nru. 112/2010GG) tat-2 ta' Ottubru 2014, li għaddiet in ġudikat, liema garaxx huwa proprjetà tal-attur u kien mikri mill-attur lis-soċjetà konvenuta Emanuel Delicata & Sons Limited.

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob (i) il-ħlas tal-arretrati ta' kera dovuta għall-perijodu mill-4 ta' April, 2010 sat-22 ta' Ottubru, 2014, b'kollox €4716.01; (ii) il-ħlas tal-arretrati tal-kera tal-arloġġi u tal-konsum tad-dawl u l-ilma fil-fond imsemmi sat-tmiem tal-kiri, liema arloġġi kienu reġistrati f'isem is-soċjetà konvenuta l-oħra Emanuel Delicata Winemaker Ltd, b'kollox €1350.04; (3) li jiġi dikjarat illi s-soċjetajiet konvenuti flimkien jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni u l-ħsarat kollha fil-garaxx inkwistjoni; (4) li jiġu likwidati d-danni hekk sofferti mill-attur bi ħtija tas-soċjetajiet konvenuti, jew min minnhom, okkorrendo bl-opera ta' perit nominat mill-Qorti għal dan l-iskop, fis-somma ta' €7,100, jew somma verjuri; (5) li l-istess soċjetajiet

konvenuti, jew min minnhom, jiġu kkundannati jħallsu lill-attur s-somma hekk likwidata u dovuta in linea ta’ danni.

Illi filwaqt li l-valur tat-talba għall-ħlas tal-arretrati ta’ kera u għar-rifużjoni tal-prezz tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma fil-garaxx inkwistjoni, huwa ċert u determinat fis-somma ta’ €6066.05, ma jistax jingħad l-istess fir-rigward tat-talbiet għal dikjarazzjoni dwar responsabbiltà għad-danni u għall-ħsarat kollha fil-garaxx imsemmi, għal-likwidazzjoni u għall-kundanna tas-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom għall-ħlas tas-somma hekk likwidata u dovuta in linea ta’ danni.

Illi minkejja li fit-talba għal-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti mill-attur, isir riferiment għas-somma ta’ €7,100, fl-istess waqt huwa ċar illi din iċ-ċifra mhijiex waħda finali u li l-quantum tad-danni għadu wieħed inċert u inderminat, tant hu hekk din it-talba hija proprju għal-likwidazzjoni tad-danni, okkorrendo bl-opera ta’ perit nominat mill-Qorti għal dan l-iskop, fis-somma ta’ €7,100, jew somma verjuri. It-terminu ‘verjuri’, mit-Taljan ‘veriore’[1], fit-terminoloġija ġuridika Taljana b’mod ġenerali jitqies li qed jagħmel riferiment għal somma ogħla jew superjuri għas-somma indikata.

Illi tant għadu inċert u indeterminat il-quantum ta’ danni, illi l-attur fit-talba tiegħu għal dikjarazzjoni li s-soċjetajiet konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għad-danni u l-ħsarat fil-garaxx inkwistjoni, jagħmel riferiment kemm għal dawk il-ħsarat li jidhru u anki għal dawk il-ħsarat moħbija.

---

[1] Veriore - nella terminologia giuridica generalmente “superiore”, “maggiore”, “più elevato”. Ad es. “*pagare in solido allo stesso, a titolo di risarcimento danni, la somma di € X o quella veriore somma liquidanda dal Tribunale*”. Dal latino “più vero” ossia, ad esempio, nelle coerenze presenti negli atti di compravendita, “salvo veriori od aventi causa”. (Wikizionario - Il dizionario libero)

Illi mill-ħames premessa tar-Rikors Maħluf jirriżulta b'mod ċar illi ċ-ċifra ta' €7,100 hija biss waħda parzjali u li tindika biss il-valur minimu ta' dak li jista' jkun dovut bħala danni mis-soċjetajiet konvenuti lill-attur:

> *"Illi barraminhekk, is-soċjetajiet intimati, jew min minnhom, bl-għemil jew bin-nuqqasijiet tagħhom, ikkaġunaw diversi ħsarat u danni fl-istess fond, liema ħsarat u danni jiswew tal-anqas €7,100...". (sottolinear tal-Qorti)*

Li ċ-ċifra ta' €7,100 bħala stima ta' danni u valur ta' ħsarat fil-garaxx inkwistjoni, hija biss waħda parzjali u mhux ċerta u determinata, jikkonfermah proprju ir-rapport tal-perit *ex parte* l-AIC Alan Saliba[2], minn fejn oriġinat din iċ-ċifra ta' €7,100. Il-Perit Alan Saliba jagħmilha ċara fir-rapport tiegħu li l-istima ta' €7,100 mhijiex waħda finali, meta ddikjara li "din l-istima ma tinkludix ħsarat li jista' jkun hemm moħbija, eżempju fis-sistema tad-drenaġġ".

**Konsiderazzjonijiet legali**

Illi l-Artikolu 747(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi espressament illi:

> *"il-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata".*

Illi kif ġie rrilevat fis-sentenza fl-ismijiet ***Pauline Mizzi vs. Concetta Key***[3] meta l-mertu ta' xi talba attriċi jkun ta' valur indeterminat, il-Qrati superjuri

[2] A fol. 15 tal-proċess.
[3] App Ċiv Sup 12.2.2001.

jkollhom is-setgħa li jisimgħu l-kawża, minkejja li xi talbiet oħrajn jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Qrati Inferjuri.

Fid-dawl ta’ dak li ntqal aktar qabel, u ċjoè li l-valur tad-danni u tal-ħsarat għad irid jiġi likwidat u determinat, b’mod partikolari fir-rigward tal-ħsarat moħbija, din il-Qorti tqis illi l-valur ta’ din it-talba tal-attur huwa inċert u indeterminat u għalhekk jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta’ ġurisdizzjoni limitata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni ta’ inkompetenza *rationae valoris,* bl-ispejjeż riżervati għas-sentenza finali.**

Moqrija

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------